# Ugwaljanza għall-irġiel ukoll!

Meta nisimgħu dwar il-ħidma li ssir favur l-ugwaljanza bejn is-sessi forsi jkun għad hawn min jabbina din il-ħidma mad-drittijiet u r-responsabbilitajiet tan-nisa biss. Iżda dan il-kamp jgħodd ukoll għall-irġiel għaliex huma wkoll għandhom id-drittijiet u r-responsabbilitajiet tagħhom fi sferi differenti, bħalma huma fuq ix-xogħol u fid-dar.

## L-ugwaljanza fid-dar

Ir-rwol u l-parteċipazzjoni tar-raġel fid-dar huma meqjusa importanti. Ir-raġel jista' jagħti sehmu b'diversi modi, fosthom billi jinqasmu r-responsabbilitajiet domestiċi u fit-trobbija. Għalkemm qabel konna iżjed naraw lill-mara tieħu ħsieb lit-tfal u tagħmel il-bżonnijiet tad-dar, illum iżjed koppji qed jaqsmu dawn ir-responsabbilitajiet.

Meta t-tfal jitrawmu miċ-ċokon f'ambjent li jħaddan l-ugwaljanza, dawn se jifhmu aktar l-importanza ta' dan il-valur u jibqgħu wkoll iħaddnuh meta jikbru.

## L-ugwaljanza fuq ix-xogħol

Għall-irġiel ukoll hu importanti li jkun hemm bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja tal-familja. Meta jinstab dan il-bilanċ, jinħolqu opportunitajiet indaqs għal kulħadd u jagħti ċ–ċans li kemm lin-nisa kif ukoll lill-irġiel jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u fir-responsabbilitajiet familjari. Dan il-bilanċ jista' jinħoloq permezz tal-użu ta' miżuri favur il-familja. Dawn il-miżuri ghandhom ikunu disponibbli mhux biss ghan-nisa izda wkoll għall-irġiel, speċjalment għal dawk li għandhom responsabbilitajiet familjari, bħal ngħidu aħna l-kura tal-ulied u l-kura ta' persuni adulti li huma dipendenti.

Huma bosta l-benefiċċji li jkun hemm meta fuq il-post tax-xogħol titħaddem l-ugwaljanza. Jekk nieħdu l-każ ta' min iħaddem, jew min hu proprjetarju ta' xi entità, wieħed mill-vantaġġi ta' ugwaljanza bejn is-sessi huwa li jkun hemm għażla aktar vasta ta' kandidati għal xogħol partikolari. Min-naħa tal-ħaddiema, meta naħdmu għal soċjetà li ma tidiskriminax tkun qed tingħata spinta biex isir iżjed użu minn miżuri li jiffaċilitaw bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u l-familja u b'hekk jiżdiedu opportunitajiet għal numru ikbar ta' ħaddiema, inkluż dawk li għandhom responsabbiltajiet ta' kura.

## Inkissru l-isterjotipi

Għaliex għandu jkun hemm xogħlijiet li raġel "ma jistax" jagħmel, meta m'hemm xejn li jagħmlu inqas kapaċi minn mara f'dak ix-xogħol? Għaliex ir-responsabbilitajiet tal-familja għandhom ikunu xi ħaġa tal-mara biss? Mela r-raġel m'għandux l-istess dritt daqs il-mara li jgawdi u jkun parti mill-familja?

Din il-mentalità sawret fina dawk li jissejħu sterjotipi li huma ideat jew kunċetti dwar x'inhuma r-rwoli tal-mara u dawk tar-raġel f'kuntesti differenti tal-ħajja. Dawn l-isterjotipi jikbru magħna minn meta nkunu tfal u jagħtu iktar lok li persuna tiġi diskriminata minħabba l-ġeneru tagħha.

Sterjotip tipiku fil-familja hu li naħsbu li l-mara għandha tieħu ħsieb id-dar u t-tfal filwaqt li r-raġel jaħdem. Għaliex m'għandhomx il-mara u r-raġel jaqsmu dawn ir-responsabbiltajiet u jipparteċipaw it-tnejn li huma kemm fil-familja kif ukoll fid-dinja tax-xogħol? Jew inkella xi xogħol partikolari li naħsbu li n-nisa biss huma kapaċi li jagħmluh. F'dan il-każ, nergħu nistaqsu l-mistoqsija – għaliex l-irġiel le? Hija s-soċjetà li maż-żmien rawmet fina dawn l-isterjotipi jew ideat, iżda huwa min-naħa tagħna li mmorru kontrihom u nibdlu din il-mentalità bil-għan li tissaħħaħ l-ugwaljanza.

**Inkunu aktar infurmati**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, NCPE, taħdem biex tippromwovi u tħares l-ugwaljanza bejn is-sessi f'diversi oqsma. Biex tippromwovi aktar prattiċi tajbin bħalissa l-NCPE għaddejja bi proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea li permezz tiegħu qed tingħata l-Marka tal-Ugwaljanza. Din tingħata lil min iħaddem meta dawn tassew iħaddnu l-prinċipji tal-ugwaljanza, fosthom li jkun hemm bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja u li jingħataw miżuri favur il-familja kemm lill-irġiel kif ukoll lin-nisa.

Inizjattivi oħra li l-NCPE tieħu huma li toffri informazzjoni dwar aspetti relatati mal-ugwaljanza, tilqa' ilmenti f'dan ir-rigward, u tipprovdi taħriġ lil kull min jitlobha dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti marbuta mal-mandat tagħha.

*Għal aktar tagħrif, agħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2590 3850 jew equality@gov.mt*